**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 5 ta' Ottubru 2022

Rikors Ġuramentat Numru: 157/2021 AL

**A B**

**vs**

**L-Avukat Dr Victor Bugeja u l-Prokuratur Legali Daniel Aquilina b'Digriet tal-20 ta' Lulju 2021 ġew nominati bħala Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti C B**

**(Numru Progressiv tal-Att taż-Żwieġ: 89/1999)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attriċi li permezz tiegħu ppremettiet:[1]

1. *Illi l-partijiet izzewġu nhar il-hamsa ta' Frar tas-sena elf, disa' mija u disgha u disghin (05/02/1999) u miz-zwieg taghhom twieldu tliet itfal, D li llum ghandha 22 il-sena, E li ghandu 18 il-sena u F li ghandha 14 il-sena;*

[1] Fol. 1.

2. *Illi ser jirriżulta li filwaqt li D waqfet mill-edukazzjoni taghha u tahdem, E u F ghadhom student fuq bazi full time;*

3. *Illi l-esponenti hija mara tad-dar li dejjem hadet hsieb it-trobbija tal-ulied b'md esklussiv, filwaqt li l-konvenut siefer madwar sentejn u xahrejn ilu u minn dak iz-zmien 'l hawn qatt ma rega' ghamel kuntatt ma' martu u/jew uliedu;*

4. *Illi effettivament iz-zwieg tal-partijiet sfaxxa fix-xejn zmien ilu wara li l-konvenut irrenda ruhu hati t'eccessi, sevizzi, ingurji gravi, vjolenza u anke abbandun fil-konfront ta' martu u uliedu;*

5. *Illi l-konvenut kellu anke procedure kriminali inizzjati fil-konfront tieghu, liema ma setgux jipprosegwu stante li huwa kif diga' inghad siefer u ghosfor fix-xejn;*

6. *Illi kien ghalhekk li l-esponenti kellha tipprosegwi fil-konfront ta' kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti konvenut;*

7. *Illi l-esponenti giet awtorizzata tipprocedi bir-rikors guramentat b'digriet tat-tmienja u ghoxrin t'April tas-sena elfejn u wehed u ghoxrin (28/04/2021);*

*Jghid ghalhekk il-konvenut, ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:*

1. *Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, ghar-ragunijiet gravi u tortijiet imputabbli esklussivament lill-konvenut fosthom eccessi, sevizzi, ingurji gravi, theddid, vjolenza u anke abbandun kommess mill-konvenut fuq martu; liema fatti rrendew il-hajja konjugali impossibbli u konsegwenza ta' liema z-zwieg tkisser irrimedjabbiment;*

2. *Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri F esklussivament f'idejn ir-rikorrenti Omm, b'dana illi l-minuri tkompli tirrisjedi mal-Omm li tkun tista' tiehu d-decizjonijiet kollha li jirrigwardaw lill-minuri, kemm dawk ta' natura ordinarja kif ukoll dawk ta' natura straordinarja u cioe' dawk ta' edukazzjoni, sahha u decizjonijiet dwar il-hrug o meno ta' passaport, esklussivament wahidha minghajr htiega tal-firma tal-konvenut;*

3. *Tillikwida u tiffissa manteniment ghall-minuri u ghal E li ghadu jistudja fuq bazi full time, minkejja li ghandu tmintax il-sena, u dan sakemm l-stess jagħlqu t-tmintax-il sena jekk jiddeciedu li jieqfu mill-istudji taghhom u jibdew jahdmu fuq bazi full time, jew sa tlieta u ghoxrin sena jekk jiddeciedu li jkomplu bl-istudji taghhom fuq bazi full time u konsegwentament tordna lill-intimat sabiex ihallas il-manteniment hekk kif likwidat; b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja u dana flimkien ma' nofs l-ispejjez ta' sahha, t'edukazzjoni u attivitajiet extra kurrikulari tal-istess ulied;*

4. *Tiffissa manteniment ghall-esponenti skond il-bzonnijiet taghha' b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja. Filwaqt li tiddikjara illi bl-agir tieghu l-konvenut iddekada minn kull dritt li jitlob ghall-manteniment minghand martu r-rikorrenti;*

5. *Tordna li kwalsiasi manteniment li ser jigi likwidat minn din l-Onorabbli Qorti ghandu jigi mnaqqas direttament mis-salarju jew qliegh tal-intimat, mill-impjieg jew xoghol li huwa ghandu jew jista' jkollu, jew minn kwalsiasi beneficcji socjali li huwa jista' jkun qed jircievi minn zmien ghal zmien;*

6. *Ixxolji u tittermina l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess b'mod li jigu stabbiliti porzjonijiet in divizjoni u assenjati lill-partijiet, u billi wkoll tigi stabbilita data minn meta l-konvenut jitqies li ddekada minn kull akkwist maghmu bix-xoghol u bil-hila tar-rikorrenti, u dan kollu okkorrendo bl-operat ta' periti nominandi u bin-nomina ta' nutar sabiex jippubblika l-att opportune u ta' kuratur biex jirrapprezenta lill-konvenut fl-eventwali kontumacja fuq kwalsiasi konvenju u att sussegwenti ghall-istess xoljiment;*

7. *Tiddeċiedi u tiddikjara illi l-fond fl-indirizz XX fi Triq -X gewwa Hal Ghaxaq m'ghadux aktar jitqies bhala d-dar matrimonjal tal-konjugi B;*

8. *Tordna lill-konvenut inehhi l-karta tal-identita' tieghu minn fuq ir-residenza parafernali tal-esponenti fi zmien qasir li din l-Onorabbli Qorti ghandha tipprefiggi u fin-nuqqas tordna lill-Ufficjali tal-Identity Malta u/jew*

*Kummissjoni Elettorali biex inehhu l-karta tal-identita' tal-konvenut minn fuq l-istess indirizz;*

9. *Konsegwentament ghat-tmien talba, tordna li jekk il-konvenut jirritorna f'Malta dan ghandu, fi zmien qasir u perentorju, jallontana ruhu mill-fond matrimonjali ossia l-fond fl-indirizz XX fi Triq X gewwa Hal Ghaxaq, b'dana illi fin-nuqqas, tordna li l-istess konvenut jigi zgumbrat mill-istess fond bl-intervent tal-Pulizija u l-Marixxalli;*

10. *Tivvidi l-gid l-iehor komuni tal-kontendenti mhux formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti;*

11. *Tordna lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi lir-rikorrenti l-beni u krediti parafernali u dotali taghha li ser jirrizultaw waqt il-mori tal-kawza kif ukoll l-ispejjez li saru da parti ta' l-istess rikorrenti qabel iz-zwieg, u dan fi zmien qasir u perentorju, li ghandu jigi lilu prefiss minn din il-Qorti u fin-nuqqas li l-konvenut jaghmel dan, tikkundannah ihallas lill-esponenti dik is-somma li ghandha tigi hekk likwidata, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, rapprezentanti l-valur tal-beni parafernali sudetti;*

12. *Tapplika in toto jew in parte kontra l-konvenut l-effetti tad-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, inkluz l-komminjazzjoni li tilef kull dritt li jiret lill-esponenti;*

13. *Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirreġistra l-eventwali sentenza ta' separazzjoni fir-reġistru pubbliku;*

*Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-proċeduri ta' medjazzjoni, kontra l-konvenut li huwa minn issa ingunt in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi;

Rat id-digriet tat-28 ta' April 2021,[2] fejn il-Qorti ddikjarat il-medjazzjoni magħluqa u awtorizzat lir-rikorrenti tipproċedi bl-azzjoni skont Artikolu 930 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, prevja li l-ittra tal-medjazzjoni datata 24 ta' April 2021 tkun maħlufa;

---

[2] Fol. 8.

Rat illi wara talba da parti l-attriċi,[3] il-Qorti permezz ta' digriet datat l-20 ta' Lulju 2021, innominat lill-Avukat Dr Victor Bugeja u lill-Prokuratur Legali Daniel Aquilina bħala kuraturi għall-finijiet kollha tal-liġi sabiex jirrappreżentaw lill-konvenut assenti;[4]

Rat li l-kuraturi deputati ġew debitament notifikai bl-atti tal-kawża,[5] u li ġiet ippreżentata minnhom risposta nhar it-23 ta' Settembru 2021,[6] fejn ġie eċċepit:

1. *Illi l-esponenti ma humiex edotti mill-fatti tal-kawża u għalhekk jirriservaw li jwieġbu ulterjorament fi stadju ulterjuri jekk ikun il-każ;*

2. *Illi r-rikorrenti għandha tindika indirizz fejn l-intimat kif rappreżentat jista' jkun ikkuntatjat dwar il-mertu tal-kawża;*

3. *Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba jkun il-każ.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati;

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment;

Rat l-affidavit tal-attriċi;[7]

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi;[8]

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.[9]

Ikkunsidrat;

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

**1. L-Azzjoni Odjerna:**

[3] Fol. 12.
[4] Fol. 10.
[5] Fol. 21, 24.
[6] Fol. 26.
[7] Fol. 34.
[8] Fol. 283.
[9] Fol. 282.

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attriċi qiegħda titlob lil din il-Qorti tiddikjara li C B ħati għat-tifrik taż-żwieġ tagħhom u dan għar-raġunijiet kontemplati fl-Artikolu 40 u 41 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Magħdud ma' dan l-attriċi titlob ukoll lil din il-Qorti sabiex tirregola l-effetti konsegwenzjali għas-separazzjoni personali. Il-Qorti tagħmel referenza għar-rikors promotur li permezz tal-istess, l-attriċi telenka x'inhuma l-pretensjonijiet tagħha fil-kawża odjerna:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet filwaqt li tiddikjara lill-konvenut ħati għat-tifrik taż-żwieġ;

2. Tapplika kontra l-konvenut d-dekadenzi stipulati fl-Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili, inkluż li l-konvenut ddekada mid-dritt tiegħu għall-manteniment minn għand l-attriċi;

3. Tiddeċiedi dwar il-kura, il-kustodja u r-residenza ta' F B, kif ukoll tawtorizza lill-attriċi tieħu dawk id-deċiżjonijet kollha, kemm ordinarji kif ukoll straordinarji fir-rigward tal-istess minuri;

4. Tillikwida u tiffissa manteniment għal F u E, aħwa B, li għadhom it-tnejn studenti fuq bażi *full-time*, inkluż nofs l-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari, u dan bil-modalitajiet opportuni inkluż iż-żieda perjodika, u li l-istess manteniment jiġi mnaqqas mill-impjieg jew kwalsiasi introjtu tal-konvenut;

5. Tillikwida u tiffissa manteniment għall-attriċi, u dan bil-modalitajiet opportuni, liema manteniment għandu jiġi mnaqqas ukoll mill-impjieg jew kwalsiasi introjtu tal-konvenut;

6. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti, filwaqt li tillikwida u taqsam l-istess komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet, b'dana illi tistabbilixxi d-data li fiha l-konvenut iddekada minn kull akkwist magħmul bix-xogħol jew ħila tal-attriċi;

7. Tiddividi l-ġid l-ieħor komuni li mhux formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti;

8. Tiddikjara li l-fond matrimonjali m'għandux jibqa' jservi bħala tali, u *di piu'* tordna lil konvenut sabiex jallontana ruħu u/jew jiżgombra mill-istess fond, filwaqt li l-istess indirizz jiġi mneħħi mill-karta tal-identita tal-konvenut, u fin-nuqqas jiġi ordnat illi l-konvenut jiżgombra bl-intervent tal-Pulizija u/jew Marixxalli, filwaqt li l-karta tal-identita' tiġi emendata b'ordni tal-Qorti minn xi uffiċċjal ta' Identity Malta u/jew tal-Kummissjoni Elettorali;

9. Tillikwida u/jew tassenja l-assi u l-krediti parafernali tal-attriċi;

10. Tawtorizza lill-attriċi sabiex tirreġistra s-sentenza odjerna fir-Reġistru Pubbliku.

Min-naħa l-oħra, il-konvenut qiegħed jiġi rappreżentat minn kuraturi deputati stante li huwa assenti minn Malta, fejn qegħdin jiddikjaraw li huma ma humiex edotti mill-fatti.

## 2. Is-Separazzjoni Personali u r-Responsabbilita' għat-Tkissir taż-Żwieġ:

<u>*Il-Verżjoni tal-Attriċi u l-Allegati Tortijiet tal-Konvenut*</u>

Fl-affidavit tagħha,[10] l-attriċi tispjega li kienet iltaqgħat mal-konvenut wara li ommha u missierha kienu krew lill-istess konvenut fond ġewwa Ħal-Għaxaq. Wara disa' (9) xhur li saret tafu, hija tispjega li kienet inqabdet tqila, u huma kienu żżewġu iżda lanqas biss kienu għamlu festin. Minn dan iż-żwieġ twieldu tlett (3) itfal. Tispjega illi *"iz-zwieg ta' bejni u bejn C s'issa dam tnejn u ghoxrin (22) sena sforz is-sagrificcji li ghamilt jien ghax kif ser nispjega iktar 'l isfel, C ma mexiex ta' nies mieghi"*.[11]

L-attriċi tgħid illi l-konvenut huwa għaxar (10) snin ikbar minnha, u telenka l-problemi li kellha mal-konvenut, u ċjoe':

i. *Il-konvenut ma riedx jaħdem* – L-attriċi tgħid illi fil-bidu taż-żwieġ meta kien Malta kien ħadem għal perjodu qasir. Madanakollu maż-żmien beda jagħti t-torturi biex imur jaħdem. Barra minn hekk, l-attriċi tagħti rendikont

[10] Fol. 34.
[11] *Ibid.*

illi ma kien jonqsu xejn u tiddiskrevih bħala *'re'* fejn saħansitra kellu karozza ġdida u dan anke jekk ma kienx jaħdem. Tant kemm kien imdorri b'tali ħajja, li meta miet missier l-attriċi, il-konvenut talabha sabiex sakemm kien l-Ingilterra tibgħatlu l-flus kollha li ħallielha misserha sabiex iniżżel Malta xi karozza. B'tali attitudni, l-attriċi tgħid li kompliet tikkonferma kemm żewġha ma kellu l-ebda ħajra li jaħdem iżda kien moħħu biss biex jigwadanja minnha u familtha;

ii. *Skont il-konvenut huwa qatt ma jiżbalja u kulma jagħmel huwa tajjeb, tant li jagħmel li jiftillu* – L-attriċi tagħti rendikont meta fl-2018 il-konvenut mar il-Libja mingħajr ma avża lil *probation officer* u baqa' l-Libja għal tlett (3) xhur sħaħ, iżda meta rritorna lura huwa inżamm fil-kustodja tal-Pulizija. Barra minn hekk l-attriċi tispjega illi quddiem il-*probabtion officer* G H, il-konvenut kien jgħid mod umbagħad minn warajha kien jagħmel mod ieħor. Fil-fatt tispjega illi l-konvenut dejjem jitkellem kif jaqbel lilu, u jgħid li bejn il-partijiet kollox kien sew, mentri dan ma kienx minnu u kullħadd kien jaf li l-attriċi kienet tibża minnu. Filfatt issemmi ċertu I li kienet taġixxi ta' *counsellor* bejn il-partijiet;

iii. *Il-vizzju tax-xorb* – L-attriċi tgħid li l-konvenut kien kważi jixrob kuljum, fejn matul il-jum kien jorqod u filgħaxija jixrob u fis-sakra. Ġieli kien jaqbad jixrob id-dar u jkun storbjuż, u mhux l-ewwel darba saq il-karozza taħt l-effett tal-alkohol. Jiġi spjegat illi s-sitwazzjoni ggravat fl-2011, tant illi meta l-konvenut kien ikun xurban u l-attriċi kienet iċċempel għall-għajnuna, huwa kien jheddidha li ser joqtolha. Magħdud ma' dan, in-nies ta' madwarha ukoll bdew jindunaw b'dak kollu li kien qed iseħħ, tant li darba fost l-oħrajn wara li l-konvenut irritorna lura d-dar wara lejl jixrob barra, xi ħadd anonimu rrapporta u ġie d-dar uffiċċjal tal-pulizija. Jingħad illi l-konvenut kellu rokna fil-garaxx fejn kien jintefa' jixrob ma' sħabu, jiftaħ ir-radju tal-karozza *full on* tard bil-lejl, u b'hekk kien faċli għan-nies li jkunu jafu f'liema stat ikun. Barra minn hekk, meta l-konvenut kien ikun taħt l-effett tal-alkohol kien jabbuża mill-mod kif jitkellem kemm mal-attriċi, familtha u binthom il-kbira;

iv. *Vjolenza fiżika* - L-attriċi tgħid illi l-konvenut darba waħda biss li refa' jdejh fuqha, u dan għamlu fil-bidu taż-żwieġ meta kien f'sensih u mhux taħt xi effett tal-alkohol;

v. *Telaq minn Malta bl-intiża li jsib xogħol iżda nel frattemp qatt ma pprovda manteniment għal uliedu* – L-attriċi tgħid illi f'Lulju 2018, u proprju xahar wara li skoprew li binthom kellha l-marda tal-kanċer, il-konvenut telaq lejn l-Ingilterra bl-iskuża li ser isib xogħol hemmhekk. Madanakollu, l-attriċi tispjega illi minn mindu mar l-Ingilterra, il-konvenut qatt ma pprovda finanzjarjament għal familja, u għalhekk bil-wisq temmen illi mar hemmhekk biex ikollu l-liberta'. Sussegwentament huwa kien irritorna lura Malta għal ftit, iżda dlonk reġa' mar lura l-Ingilterra f'Marzu 2019;

Fil-fehma tal-attriċi dan wassal għal abbuż emozzjonali. Għalhekk fil-bidu tal-pandemija tal-COVID-19 il-konvenut kien qed jaħseb biex jirritorna lura Malta, iżda l-attriċi tispjega li ma xtaqitx li dan isir għaliex kienet ser tagħti lok għal iktar abbuż u mingħajr il-preżenza tal-konvenut kienet rat differenza pożittiva. Fid-dawl ta' dan, l-attriċi nfurmat lil konvenut illi jkun aħjar jekk huwa jibqa' l-Ingilterra. Għall-attriċi, il-konvenut ma kienx għajr problema f'ħajjita u uliedha. Tispjega ukoll illi meta l-konvenut mar l-Ingilterra, il-partijiet xorta waħda kienu jikkomunikaw *online*, iżda minn Marzu 2021 il-konvenut beda jaħseb ħażin fl-attriċi illi għandha relazzjoni extra-matrimonjali. Fil-veA', l-attriċi tgħid illi *se mai* kellha iktar tkun hi li taħseb ħażin fih meta kien proprju hu stess li tela' l-Ingilterra għax-xogħol iżda xorta waħda qatt ma pprovda finanzjarjament għal familja.

Finalment, l-attriċi tgħid illi *"C ilu assenti minn hajjitna ghal diversi snin hekk kif dan anke meta kien Malta ma kienx jerfa' r-responsabiltajiet li ghandu bhala missier kif ukoll bhala kap tal-familja. (...) Mill-banda l-ohra pjuttost nghid illi min-naha ta' C sibt xkiel u mnalla kelli s-sapport tal-familja tieghi"*.[12]

Sabiex tissostanzja l-verżjoni tagħha, l-attriċi teżebixxi:

i. *L-affidavit ta' J K, ossia ħu l-attriċi, debitament maħluf nhar is-7 ta' Ottubru 2021 u ppreżentat nhar it-8 ta' Ottubru 2021,*[13] fejn jikkonferma l-verżjoni ta' oħtu l-attriċi;

[12] Fol. 38.
[13] Fol. 29.

ii. *L-affidavit ta' D B, ossia bint l-attriċi, debitament maħluf nhar l-20 ta' Ottubru 2021 u ppreżentata nhar il-21 ta' Ottubru 2021,*[14] fejn ikkonfermat il-verżjoni ta' ommha l-attriċi;

iii. *Ix-xhieda ta' Louis Buhagiar in rappreżentanza ta' Jobsplus,*[15] fejn ippreżenta l-*employment history* ta' A B,[16] u kif ukoll dik ta' C L B.[17] Jirriżulta illi l-attriċi qatt ma ħadmet, filwaqt li l-konvenut jidher li ilu inattiv fir-rigward ta' impjiegi sa mis-sena 2001, u qabel kien jidher li kien jaħdem bħala *self-employed* fuq bażi *full-time* sa mit-28 ta' Marzu 2001 sas-16 ta' April 2001 u ċjoe' għal perjodu ta' inqas minn xahar. Madanakollu mir-*registration history* tal-konvenut jidher illi huwa għamel perjodu sħiħ dejjem jirreġistra għax-xogħol;[18]

iv. *Ix-xhieda ta' Saviour Theuma in rappreżentanza tad-Direttur tas-Sigurta' Soċjali,*[19] fejn ġie kkonfermat illi l-attriċi kienet u/jew għadha tipperċepixxi minn *Allowance* għat-Tfal tal-inqas mis-sena 2017, u kif ukoll minn Għajnuna Soċjali sa mis-sena 2020,[20] filwaqt li fir-rigward tal-konvenut jidher illi huwa kien jipperċepixxi minn Għajnuna għal-Qagħad tal-inqas mis-sena 2017 sas-sena 2020;[21]

v. *Ix-xhieda tal-iSpettur Charlotte Curmi in rappreżentanza tal-Kummissarju tal-Pulizija,*[22] li ppreżentat il-fedina penali ta' C L B,[23] fejn jirriżulta li nstab ħati talli: (a) nhar it-12 ta' Frar 2005 saq vettura bin-numru ta' rġistrazzjoni AAB-769 b'manjiera traskurata u weħel multa, (b) nhar it-28 ta' Awwissu 2012 ġiegħel lil xi ħadd iħallas dejn jew jeżegwixxi obbligazzjoni jew fixkel lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejġu jew indaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor, u għamel vjolazzjoni kontra l-proprjeta' ta' ħaddieħor, fejn weħel multa, u (c) nhar il-15 ta' April 2016 huwa kiser il-paċi pubblika u l-bon ordni b'għajjat u storbju, ħebb għal A B, u insulenta jew hedded lill-istess A B, fejn ġiet maħruġa *probabtion* u *treatment order* għal perjodu ta' tlett (3) snin;

[14] Fol. 39.
[15] Fol. 249.
[16] Fol. 250.
[17] Fol. 252.
[18] Fol. 253.
[19] Fol. 254.
[20] Fol. 257.
[21] Fol. 256.
[22] Fol. 267.
[23] Fol. 268.

vi. *Ix-xhieda ta' Ashley Vella PS 2021 in rappreżentanza tal-Kummissarju tal-Pulizija,*[24] fejn ippreżentat rapport magħmul minn A B u D B kontra C B,[25] datat 29 ta' Jannar 2018 rigward inċident kontinwu li beda jseħħ minn nhar l-1 ta' Marzu 2017 u baqa' kontiwu, fejn irrappurtaw li C B kienu ilu għal dak iż-żmien kollu jheddidhom u jgħajjarhom, kien ikun kuljum jixrob u jisker, ma jaħdimx u ġieli pprova jerfa' jdejh fuqhom. D B stqarret li tibża' tmur id-dar għaliex dan ilu jheddidha li ha joqtolha bil-lejl. Min-naħa tiegħu C iddikjara li huwa ma heddidx lil martu u lil bintu, imma saħaq li bħala missier huwa kellu dritt jikkoreġi lil bintu li kienet toħroġ u tidħol id-dar meta trid. Saħaq ukoll li huwa ma kellux inkwiet ma' martu, iżda kienet taqbeż għal bintha meta dan kien jikkoreġiha;

vii. *Ix-xhieda ta' I M in rappreżentanza tal-Aġenzija Appoġġ,*[26] fejn iddikjarat illi hija *senior social worker* u ltaqgħat ma' A meta kienet għaddejja minn każ daqsxejn ambigwu, u bdew jarawha huma. Tispjega illi kien hemm każ ta' vjolenza domestika, fejn kien hemm ħafna abbuż mentali u finanzjarju u għalhekk kien hemm bżonn ta' għajnuna finanzjarja għal familja speċċjalment meta waħda minn uliedha kienet għaddejja minn problemi ta' saħħa. Jingħad li l-konvenut ma kienx qed jipprovdi finanzjarjament għal familja u lanqas jagħti każ il-*mental wellbeing* ta' martu u uliedu, speċjalment ta' bintu l-kbira li kellha problemi ta' saħħa. Filfatt tispjega li l-bint il-kbira kellha titlaq mid-dar għaliex missierha kien qed jheddidha li joqtolha, u l-konvenut ma riedx jitlaq mid-dar hu sakemm eventwalment ried imur l-Ingilterra sabiex isib xogħol. Sakemm kien l-Ingilterra jingħad illi l-konvenut ma kienx jgħin finanzjarjament, iżda l-bint il-kbira rritornat lura d-dar. Jiġi konkluż illi għalkemm l-attriċi mhux qed tiġi segwita, l-attriċi xorta waħda ċċemplilha meta jkollha bżonn;

viii. *Ix-xhieda ta' G H bħala probation officer,*[27] fejn spjegat illi kienet isegwi lil konvenut fuq ordni ta' *probation* ta' tlett (3) snin u dan minn Marzu 2017, wara akkużi relatati ma' vjolenza domestika fil-konfront ta' martu. L-attendenza tiegħu ma kienetx waħda konsistenti, u tikkonferma li ma kienx jaħdem sakemm imbagħad qabad u telaq lejn l-Ingilterra mingħajr ma rranġa

[24] Fol. 269.
[25] Fol. 270.
[26] Fol. 275.
[27] Fol. 280.

l-affarijiet f'Malta, u minkejja ukoll li kien jaf li kellu seduti l-Qorti. Għalhekk ix-xhud tikkonferma li fin-nuqqas tal-preżenza tal-konvenut, hija kien ikollha kuntatt mal-attriċi, u saret taf li kien hemm problema ta' alcohol, li kien hemm żmien fejn binthom il-kbira telqet mid-dar minħabba missierha.

*<u>Verżjoni tal-Konvenut u l-Allegati Tortijiet tal-Attriċi</u>*

Il-Qorti tirrileva li l-intimat assenti rappreżentat minn kuraturi deputati ma ressaqx provi, u għalhekk, il-Qorti tinsab sprovvista mill-verżjoni tiegħu dwar il-fatti u l-mertu tal-każ odjern. Minkejja l-fakolta' li tiġi ppreżentata nota ta' sottomissjonijiet, il-kuraturi deputati għan-nom tal-konvenut ma ppreżentawx din in-nota.

*<u>Il-Prinċipji Legali u Applikazzjoni Tagħhom għall-Kaz Odjern</u>*

Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tistabilixxi dawk il-prinċipji legali li huma relevanti sabiex sussegwentament jiġu applikati għal każ odjern.

*a. <u>Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili: Eċċessi, Moħqrija, Theddid jew Offiżi Gravi</u>*

Dan l-artikolu tal-liġi jistipula illi:

*"Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment".*

F'dan ir-rigward il-Qorti tibda sabiex tagħmel referenza għal kaz fl-ismijiet **Elisa Thompson vs. Edward Thompson**,[28] fejn ġie stabbilit illi sabiex tiġi promossa b'suċċess l-azzjoni tas-separazzjoni personali, ma hemmx il-ħtieġa illi jiġu ppruvati l-eċċessi, sevizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti illi tiġi pprovata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża impossibbli da parti ta' xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.

[28]Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' Mejju 1925 u kkwotata fis-Sentenza deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace nhar it-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

Hemm ġiurisprudenza kostanti li tispjega l-motivi elenkati f'Artikolu 40 hawn fuq ċitat. F'dan l-istadju ssir referenza għas-sentenzi fl-ismijiet: **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud**[29] u **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**,[30] fejn ġie ritenut illi fir-rigward ta' moħqrija, *"Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizzi"* u fir-rigward ta' inġurji u offiżi gravi li dawn *"ma ġewx speċifikament dezinjati mid-duttrina imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imħallef sabiex jivvalutahom"*, filwaqt li ġew definiti bħala li *"jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz"*, rispettivament. Is-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud**, appena ċitata tagħti tifsira lil eċċessi, li jfissru *"att mwettqa fuq il-parti l-oħra, liema atti jridu jkunu ta' serjeta' kbira stante illi niente di meno jridu jkunu ta' perikolu għall-ħajja tal-parti l-oħra"*.

Min-naħa l-oħra u b'mod speċifiku fir-rigward ta' theddid u vjolenza, il-Qorti ma tixba' qatt tirrepeti illi *"Il-liġi tikkontenta ruħha bil-persistenza f'ċerta mġieba ħazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima"*.[31] Fin-natura tagħha, il-vjolenza domestika tikkostiwixxi inġurja gravi ħafna u ma tista' bl-ebda mod tiġi ġustifikata. Hekk kif ippronunzjat ruħha l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Joanne Tabone pro. et noe. vs. Jesmond Tabone**,[32] *"il-vjolenza hi fost l-aktar elementi, jekk mhux ukoll l-aktar waħda, li inevitabilment twassal għal firda personali, anke għaliex, kif ingħad, "huwa ferm diffiċli li tiġi superata minn min ikun ħalla lilu nnifsu jintrikeb minnha"*[33]; *Skond l-istess Qorti "Is-swat, ..., hi l-agħar forma ta' att ta' krudelta' li joffendi lill-persuna u spiss drabi jwassal għat-tifrik taz-zwieġ"*.[34]

## b. Artikolu 41 tal-Kodiċi Ċivili: Abbandun

L-abbandun huwa motiv għas-separazzjoni fil-Liġi Maltija u fil-fatt, il-Kodiċi Ċivili jistipula:

---

[29] Deċiza mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Ġunju 1961, Vol. XLV C.ii.708.
[30] Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace fit-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].
[31] **Antonia Mifsud vs. Giuseppe Mifsud**, deċiza mill-Qorti tal-Appell Ċivili nhar il-21 ta' Frar 1969.
[32] Deċiża fit-3 ta' Ottubru 2003.
[33] **Genoveffa Magri vs. Joseph Magri**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 2000.
[34] **Charmaine Zahra pro. et noe. vs. Alfred Zahra**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju 2003.

*"Kull waħda mill-partijiet miżżewġa tista' wkoll titlob il-firda jekk, għal sentejn jew iżjed, tkun abbandunata mill-oħra, mingħajr raġuni tajba".*

Kemm mid-diċitura tal-artikolu u wkoll minn ġurisprudenza kostanti tagħna jirriżulta illi l-kriterji sabiex azzjoni bħal din tirnexxi huma tnejn, u ċjoe' l-abbandun idum għal sentejn jew iżjed, filwaqt li l-abbandun iseħħ mingħajr raġuni tajba.

Fil-kawża fl-ismijiet **Andrea Avellino vs. Regina Avellino**,[35] insibu tifsira ċara ta' dawn il-kriterji, fejn intqal:

*"Illi dwar l-abbandun, jingħad li l-istess, biex jista' jikkostitwixxi kawżali tas-separazzjoni, irid, apparti ż-żmien, li fil-każ se maj jikkonkorri, illi jkun sar bla ġusta kawża. Huwa fatt li l-apprezzament taċ-ċirkustanzi "di fatto" li l-abbandun mid-dar ikun sar volontarjament (ċjoe bla kawża ġusta), b'mod li jkun jista' jagħti lok għas-separazzjoni personali għall-ħtija ta' min jirrikorri għalih, huwa mħolli fil-kriterju tal-maġistrat deċidenti; kif ukoll ġie deċiż illi mhux kwalunkwe allontanament ta' konjuġi mid-domiċilju konjugali jikkostitwixxi l-prova ta' l-abbandun volontarju: imma jrid ikun jirriżulta minn fattijiet li juri l-intenzjoni żgura, ferma u pożittiva, ta' min jabbanduna, li ma jerġax imur jgħammar mal-parti l-oħra. U biex ikun kundannabbli, l-abbandun irid ikun kapriċċuż, u mhux ġustifikat minn xi motiv raġjonevoli".*

Illi hawn issir referenza għall-kawża fl-ismijiet **Josephine Anne Edwards vs. Avukat Dr. Joseph Xuereb noe**,[36] fejn il-Qorti sostniet illi:

*"Biex jikkostitwixxi motiv ta' separazzjoni, l-abbandun irid ikun inġust fiż-żmien tiegħu kollu ta' sentejn...".*

*<u>Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Każ Odjern:</u>*

Il-Qorti wara li rat il-provi esebiti u s-sottomissjonijiet tal-partijiet, hija konvinta sal-grad rikjest mil-liġi li ż-żwieġ bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment u konsegwentement hemm lok għall-pronunzja tas-separazzjoni personali bejn il-

[35] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Diċembru 1949.
[36] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' Frar 1961.

partijiet. Il-Qorti ħadet ukoll konjizzjoni tal-fatt illi l-partijiet ilhom jgħixu separatament għal numru ta' snin u li ma jidhirx li hemm lok għal rikonċiljazzjoni bejniethom.

Fir-rigward tar-responsabbilita' għat-tifrik taż-żwieġ, il-Qorti hija tal-fehma illi ż-żwieġ tal-partijiet tkisser minħabba sevizzi, inġurji gravi, vjolenza u abbandun da parti l-konvenut. Jibda sabiex jingħad illi dak kollu li sar qabel iż-żwieġ ma huwiex ta' wisq relevanza għal din il-Qorti stante li din hija kawża ta' separazzjoni fejn dak li jinteressa lill-Qorti huwa proprju dak li seħħ matul iż-żwieġ li minħabba fih iż-żwieġ tkisser b'mod irrimedjabbli.

Il-Qorti tara li mill-atti jirriżulta ampjament ċar illi l-attriċi rnexxielha tipprova sal-grad rikjest tal-liġi illi matul iż-żwieġ tagħha mal-konvenut, il-konvenut kellu ċertu mġieba, atteġjamenti u modi li jwasslu għal moħqrija u vjolenza fuq il-persuna tal-attriċi li jagħtu lok għal inġurji gravi. F'dan ir-rigward il-Qorti rat primarjament ix-xhieda ta' ħu l-attriċi J K u bintha D B, liema xhieda l-Qorti ma għandhiex raguni li ma temminx. Dawn iż-żewġ xhieda jikkonfermaw l-aġir tal-konvenut u l-problemi kollha li elenkat l-attriċi fl-affidavit tagħha, u ċjoe': (i) in-nuqqas ta' impenn da parti l-konvenut illi jaħdem, (ii) jipprovdi finanzjarjament għal familtu, (iii) japprofitta ruħu mill-familja tal-attriċi, (iv) jagħmel ta' rasu mingħajr ma qatt jikkonsidra l-bżonnijiet tal-familja inkluż meta *si tratta* problemi ta' mard, (v) it-theddid kontinwu u l-element ta' biża' li kien jitfa' fil-familja, u (vi) il-problema tax-xorb.

Il-Qorti tara li in korraborazzjoni ta' dawn ix-xhieda, l-attriċi resqet prova tal-*employment history* tal-konvenut li permezz tagħha stabbiliet li l-konvenut verament ma kienx jidher reġistrat li qiegħed jaħdem għal żmien twil, u kif ukoll prova li għamel perjodu ta' żmien partikolari jipperċepixxi minn għajnuna tal-qagħad mingħand id-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali. Ressqet ukoll il-fedina penali, li juri li l-konvenut instab ħati tlett (3) darbiet għal reati diversi, inkluż li darba minnhom ħebb, insulenta u hedded lil martu, tant li nħarġu *probation* u *treatment* order kontra tiegħu għal perjodu ta' tlett (3) snin. Barra minn hekk, il-Qorti rat ukoll rapport magħmul lil Pulizija mill-attriċi u bintha, fuq allegat theddid u tgħajjir kontinwu mill-konvenut. Dawn il-provi minnhom infushom ikomplu jsaħħu l-pożizzjoni tal-attriċi, għaliex jikkonfermaw illi kienet tkun l-attriċi li tipprovdi finanzjarjament għal familja, filwaqt li hi kienet tgħix b'mod kostanti fil-biża' u insikurezza minħabba l-karattru aggressiv ta' żewġha.

Magħdud ma' dan il-Qorti ma tistgħax ma tagħtix piż probatorju lix-xhieda ta' I M bħala *social worker* u kif ukoll G H bħala *probation officer*, li t-tnejn li huma ħadmu direttament mal-konjuġi B, u kkonfermaw illi kien hemm każ ta' vjolenza domestika f'forma ta' abbuż mentali u finanzjarju, hekk kif il-konvenut ma kienx jipprovdi finanzjarjament għal familtu u ma kienx jagħti l-każ l-*mental wellbeing* tal-familja speċjalment ta' bintu li kienet qiegħda tbati mill-marda tal-kanċer. Magħdud ma' dan, il-*probation officer* li bdiet issegwi lil konvenut wara li nħarġet il-*probation* u *treatment order* għal perjodu ta' tlett (3) snin, tgħid illi l-konvenut ma kienx konsistenti fil-laqgħat tiegħu magħha bħala l-*probation officer* tiegħu, filwaqt li tikkonferma li ma kienx jaħdem u li darba fost l-oħrajn qabad u telaq lejn l-Ingilterra, tant li l-kuntatt tal-*probation officer* kien isir ma' martu. Indubjament dan l-aġir ma huwiex wieħed mistenni minn raġel miżżewweġ u raġel tal-familja.

Tenut kont tas-suespost, il-Qorti hija moralment konvinta illi l-attriċi kienet vittma ta' moħqrija, theddid, kif ukoll ta' vjolenza morali u finanzjarja, li flimkien iwasslu għal inġurji gravi. Il-Qorti ma tarax li l-konvenut kien vjolenti fiżikament mal-attriċi, imma kien aggressiv. F'dan ir-rigward, il-Qorti tirribadixxi illi *"Madanakollu, għandu jiġi sottolinejat illi l-aggressivita' għandha tiġi definita bħala mod ta' kif wieħed iġib ruħu meta kkonfrontat b'ċertu sitwazzjonijiet. L-aggressivita' f'persuna tista' twassal għal biza' u skumdita' f'persuna oħra, għaliex jekk l-aggressivita' ma tiġix kontrollata din tista' twassal għal vjolenza. Għaldaqstant l-aggressivita' u l-vjolenza ma humiex sinonimi għal xulxin u b'hekk ma jistgħux jintefaw fl-istess keffa. Pero' għalkemm huma distinti minn xulxin, jista' jagħti l-kaz li l-aggressivita' tista' twassal għal vjolenza f'kaz li jkun hemm eskalazzjoni ta' argument"*.[37] Nonostante dan, il-Qorti hija konvinta li l-konvenut kien vjolenti minn aspetti oħra, u ċjoe' moralment u finanzjarjament.

Fil-fatt il-Qorti tissottolineja illi ma hemm l-ebda dubju illi kull parti miżżewġa għandha l-obbligu illi tipprovdi għal familja, u dan sabiex il-piż jinqasam fuq iż-żewġ partijiet. Fil-każ odjern jidher b'mod kristallizzat illi l-konvenut ma kellu l-ebda interess illi jkun ta' sapport għal familtu, kemm moralment kif ukoll finanzjarjament, anzi jidher ċar li l-konvenut di natura huwa persuna egoista li ma jinteressah xejn ħlief l-interessi tiegħu. Dan żgur mhux forsi ma jirriflettix

[37] *Vide* s-sentenza fl-ismijiet **Francesca Tenimu vs Dr Mark Mifsud Cutajar et noe**, deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) kif presjeduta, nhar it-2 ta' Diċembru 2021, mhux appellata.

f'aġir ta' raġel tal-familja u missier li jimxi bil-*bonus paterfamilias.* Il-Qorti tinsab verament deluża u xxukjata minn tali komportament, b'mod partikolari għas-sitwazzjoni fejn il-konvenut għażel li jaħrab mill-problemi meta tfaċċa l-mard fuq bintu D, u dan minnflok għażel li jkun ta' spalla għal martu u ta' faraġ għal bintu f'dan il-perjodu diffiċli, iżda bl-aktar volontarju u konxju għażel illi jitlaq minn Malta bl-iskuża li jsib xogħol ġewwa l-Ingiterra. Madanakollu l-Qorti ma għandha l-ebda dubju illi l-konvenut ma marx l-Ingilterra sabiex isib xogħol, iżda teżisti probabilita' qawwija illi l-konvenut ried isib il-liberta' fiżika u mentali f'pajjiż ieħor mingħajr il-preżenza tal-attriċi u uliedu. Kieku verament il-konvenut kellu għal qalbu l-interessi ta' familtu, żgur mhux forsi ma kienx jabbanduna lil martu u uliedu fl-aktar mumenti li kellhom bżonn!

Fir-rigward ta' abbandun mid-dar matrimonjali, il-Qorti tirrileva li ma hemm l-ebda dubju u dan abbażi tal-provi li għandha quddiemha, li r-raġuni ewlenija għaliex iż-żwieġ tkisser huwa minħabba l-komportament tal-konvenut fil-konfront tal-attriċi. Il-Qorti tara illi meta l-konvenut telaq l-ewwel darba minn Malta f'Lulju 2018 il-partijiet xorta waħda baqgħu f'kuntatt. Konsegwentament il-konvenut nieżel lura Malta għal perjodu qasir, u telaq mill-ġdid minn Malta f'Marzu 2019, fejn ma jidhirx li wara tali darba kien hemm kuntatt bejn il-partijiet u l-attriċi fil-fatt tgħid li ma tafx fejn jinsab żewġha. Għaldaqstant u ġialadarba għaddew iktar minn sentejn minn l-aħħar darba li l-konvenut telaq minn Malta u r-raġuni għal tali abbandun ma huwiex ġustifikat, il-Qorti hija tal-fehma li l-konvenut għandu jinstab ukoll ħati ta' abbandun.

Finalment, il-Qorti ma tarax illi l-konvenut għandu jinstab ħati ta' eċċessi hekk kif mill-atti ma tirriżulta l-ebda prova rigward dan. Għalhekk in sinteżi il-Qorti tara illi l-konvenut għandu jinstab ħati ta' moħqrija, theddid, vjolenza, nġurji gravi u abbandun. Il-Qorti ma temminx li l-konvenut kien verament iħobb l-attriċi, iżda din tal-aħħar jaf sfat vittma tal-pjanijiet ulterjuri li kellu f'moħħu l-konvenut, b'mod partikolari li jgħix ħajja komda minn fuq dahar l-attriċi u familtha mingħajr ma jittenta jgħolli subgħajh sabiex jagħmel siegħa xogħol.

Adoperat dan ir-raġjunament għall-każ partikolari hawn eżaminat, jibbasta biex jikkonvinċi illi l-azzjoni attriċi hija ġustifikata abbazi tal-Artikolu 40 u 41 tal-Kodiċi Ċivili. B'hekk il-Qorti għandha raġunijiet serji sabiex tasal għal konklużjoni li ż-żwieġ tkisser b'mod irrimedjabbli, u qed issib lill-konvenut ħati ta' moħqrija, theddid, vjolenza, inġurji gravi u abbandun fil-konfront ta' martu.

**3. Dwar l-Applikazzjoni tal-Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili fil-Konfront tal-Konvenut:**

L-attriċi titlob lill-Qorti sabiex tapplika fil-konfront ta' żewġha, *in toto* jew *in parte*, id-dekadenzi stipulati fl-Artikoli 48 u 51 tal-Kodiċi Ċivili.

Il-firda personali motivata mill-adulterju u l-abbandun, iġibu magħhom, skond il-liġi, konsegwenzi iebsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront ta' dik il-parti misjuba ħatja għat-tifrik taż-żwieġ ai termini tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili. Dana b'differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi, jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi. Fil-każ odjern, l-konvenut huwa ħati ta' moħqrija, theddid, vjolenza, inġurji gravi u abbandun, għaldaqstant il-Qorti hija kostretta li tapplika fil-konfront tiegħu is-sanzjonijiet kollha elenkati f'Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili, inkluż li bl-imġieba tiegħu l-intimat iddekada mid-dritt tiegħu li jirċievi manteniment minn għand l-attriċi.

**4. Manteniment għall-Attriċi:**

Fir-rikors ġuramentat tagħha, l-attriċi titlob lil Qorti sabiex tordna lil konvenut iħallasha manteniment adegwat għaliha nnifisha. Fl-ewwel lok il-Qorti tibda sabiex tirrileva li in vista li l-konvenut instab ħati għat-tifrik taż-żwieġ, il-Qorti applikat fil-konfront tiegħu s-sanzjonijiet kif stipulati f'Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili u dan kif spjegat fit-tielet taqsima ta' din is-sentenza. Min-naħa l-oħra, u fid-dawl tal-fatt li l-attriċi ma nstabitx ħatja bħall-attur, din tal-aħħar għandha l-jedd li titlob il-manteniment minn għand żewġha u dan skont l-obbligu li jitnissel miż-żwieġ. Madanakollu għandu jiġi ribadit illi *"il-kundanna ta' hlas ta' manteniment ma hiex marbuta mal-htija ghat-tkissir taz-zwieg izda mac-cirkostanzi partikolari tal-kaz referibbli ghad-dhul rispettiv tal-partijiet u l-htigijiet taghhom"*.[38]

Għaldaqstant fil-każ odjern kien jinkombi fuq l-attriċi l-oneru li tressaq il-provi rigward il-ħtiġijiet u d-dħul rispettiv tal-partijiet ġialadarba resqet talba għall-manteniment. Dan ifisser li l-attriċi kien jeħtieġilha illi tistabbilixxi: (i) l-introjtu

---

[38] Ara s-sentenza fl-ismijiet **Donald Pirotta vs Elizabeth Pirotta**, deċiża mill-Qorti tal-Familja nhar is-17 ta' Ottubru 2016, mhux appellata.

tal-partijiet, (ii) prova li l-introjtu tagħha ma huwiex suffiċjenti tenut kont tal-elenku tal-ħtiġijiet tagħha, u (iii) raġuni suffiċċjenti għaliex qiegħda tippretendi li titħallas manteniment fix-xahar minngħand il-konvenut. Il-Qorti tara li f'dan il-kuntest, l-attriċi resqet biss ix-xhieda tar-rapprezentant tal-Jobsplus li ppreżenta l-*employment history* tal-partijiet u kif ukoll ix-xhied tar-rappreżentant tad-Direttur tas-Sigurta' Soċjali, iżda naqset milli tippreżenta dik il-prova dwar ir-raġuni suffiċjenti għal tali pretensjoni. Il-Qorti tara li fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, l-attriċi saħqet illi *"kif anke gie rrizulta mix-xhieda tal-Haddiema Socjali, I M, l-esponenti qatt ma setghet tahdem mhux biss ghax kienet sottomessa ghal zewgha, izda ghaliex kellha tiehu hsieb it-trobbija tal-familja b'mod esklussiv wahidha, kif ukoll ghaliex sfortunatament bint il-partijiet mardet bil-marda tal-kanċer"*.

Tenut kont tal-premess, il-Qorti tinsab moralment konvinta illi <u>fil-preżent</u>, l-attriċi ma jeħtiġilhiex tiġi mantenuta mill-konvenut, u dan fid-dawl tal-fatt illi: (i) jirriżulta ċar l-attriċi m'għadhiex sottomessa għal konvenut, uliedha ormai kibru u ħadd ma għadu b'mod partikolari jiddependi minnha, u lanqas ma jidher illi bintha għadha marida bil-marda tal-kanċer, (ii) l-attriċi għad għandha 42 sena u b'hekk il-Qorti ma għandha l-ebda dubju li għadha tinsab f'eta' li tista' ssib xogħol u tkun finanzjarjament indipendenti, (iii) mill-atti ma rriżultax li l-attriċi għandha xi impediment milli taħdem, u (iv) matul il-kawża odjerna, l-attriċi qatt ma resqet talba sabiex *pendente lite* tingħata manteniment u b'hekk dan jistabbilixxi li b'xi mod l-attriċi għandha xi forma ta' introjtu u/jew hija finanzjarjament indipendenti.

Għaldaqstant il-Qorti f'dan l-istadju, u *rebus sic stantibus*, ma tarax li l-attriċi għandha tipperċepixxi manteniment minn għand il-konvenut u dan ġialadarba hija finanzjarjament indipendenti u m'għandha l-ebda impediment milli taqla' l-għixien tagħha b'mod indipendenti. Madanakollu u fi kwalunkwe l-każ, il-Qorti tikkjarifika li minkejja tali ordni, dan ma għandux ifisser li l-attriċi qiegħda b'xi mod titlef il-jedd tagħha li fil-futur titlob manteniment minn għand l-konvenut u dan f'każ ta' tibdil fiċ-ċirkostanzi li jikkonstringu lill-attriċi titlob lill-żewġha għajnuna finanzjarja permezz ta' manteniment.

## 5. Il-Kura, Kustodja, Aċċess, Setgħha tal-Ġenitur u Manteniment tal-Minuri F B, Manteniment għal Maġġorenni E B, u Arretrati ta' Manteniment:

Miż-żwieġ ta' bejn il-partijiet twieldu tlett (3) itfal, u ċjoe' D, E u F, aħwa B. Mill-atti ma jirriżultax li ġew ppreżentati l-atti tat-twelid tagħhom u għalhekk il-Qorti hija sprovvista mid-data tat-twelid preċiża tagħhom. Madanakollu mir-rikors promotur, li ġie ntavolat nhar l-14 ta' Ġunju 2021, l-attriċi ddikjarat illi f'tali żmien D kellha 22 sena, E kellu 18-il sena u F kellha 14-il sena. Għaldaqstant, il-Qorti tista' tasal għal konklużjoni illi D u E huma t-tnejn maġġorrenni, filwaqt li F biss għadha minorenni. Is-sitwazzjoni *pendente lite* fir-rigward tal-kura, kustodja u manteniment ta' F B, kif ukoll kwalsiasi manteniment għal dawk l-ulied li għadhom jistudjaw fuq bażi *full-time* jidher li ma ġewx formalment regolati permezz ta' deċiżjoni ta' din il-Qorti.

*Il-Prinċipji Legali fir-rigward tal-Kura, l-Kustodja, Setgħa ta' Ġenitur, Aċċess u Manteniment tal-Minuri*

Rigward il-kura, kustodja u aċċess, il-Qorti tirritjeni li f'tali aspetti il-ġurisprudenza tagħna dejjem irriteniet li l-Qorti għandha tikkunsidra l-aqwa interess tal-minuri. Fil-kawża **Jennifer Portelli pro.et noe. vs. John Portelli**[39] intqal: *"Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew fil-liġi antika u sew fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-ġiurisprudenza* estera *u f'dik lokali hija regolata mill-prinċipju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal li ċ-ċirkustanzi tal-kaz u l-koeffiċjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuġġerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruħhom ġuddizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment".*

Fil-kawża fl-ismijiet **Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless,**[40] il-Qorti kienet qalet illi *"la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera' piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta', ed a tutte le circostanze del caso – sotto quie provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli".*

[39] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju 2003, Ċitazz Numru: 2668/1996/2RCP.
[40] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-8 ta' Diċembru 1858.

Ingħad ukoll fil-kawża fl-ismijiet **John Cutajar vs. Amelia Cutajar et**[41] u **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna,**[42] illi *"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominant in 'subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawza, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirrizultaw mill-provi tal-kaz li jrid jiġi rizolut…".*

Tenut kont tal-prinċipji bażilari hekk kif enunċjati mill-ġiurisprudenza appena ċitata, u ċjoe' l-prinipju tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ għal minuri, il-Qorti għandha l-fakolta' li abbazi tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili, saħansitra tafda l-kura u kustodja tal-minuri lil ġenitur wieħed biss u dan sabiex l-interess suprem tal-minuri jkun dejjem issalvagwardjat. Il-Qorti tissottolineja illi l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-ġenituri. Fis-sentenza fl-ismijiet **Frances Farrugia vs Duncan Caruana**[43] u **Marlon Grech vs Charlene Banks**[44] ġie ritenut illi l-Qorti *"filwaqt li dejjem tagħti piz għad-drittijiet tal-ġenituri, l-interess suprem li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mgħallma mill-ġiurisprudenza kostanti tagħna".*

Fir-rigward ta' <u>setgħa tal-ġenitur</u>, il-Qorti tibda billi tirrileva li l-Kodiċi Ċivili jitratta l-kwistjoni tas-setgħa tal-ġenituri b'mod speċifiku taħt Titolu IV intitolat *"Fuq is-Setgħa tal-Ġenituri"*. Il-provvedimenti legali saljenti huma Artikolu 131 u Artikolu 154(1):

*131. (1) L-iben huwa suġġett għas-setgħa tal-ġenituri tiegħu għall-effetti kollha kif stabbiliti bil-liġi.*

*(2) Ħlief f'dawk il-każijiet stabbiliti bil-liġi, din is-setgħa tkun eżerċitata bi ftehim bejn iż-żewġ ġenituri. Wara l-mewt ta' wieħed mill-ġenituri, din tkun eżerċitata mill-ġenitur li jibqa' ħaj.*

*(3) F'każ ta' nuqqas ta' qbil bejn il-ġenituri dwar ħwejjeġ ta' importanza partikolari, kull wieħed mill-ġenituri jista' jirrikorri għal dik il-qorti skont ma*

[41] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar 1956.
[42] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 1715/2001/1RCP).
[43] Deċiża fil-31 ta' Mejju 2017 (Rikors Ġuramentat 268/11AL).
[44] Deċiża fil-15 ta' Ġunju 2017 (Rikors Ġuramentat 218/13AL).

*tista' tkun indikata minn jew taħt xi liġi li tkun fis-seħħ minn żmien għal żmien fejn juri dawk id-direzzjonijiet li fil-fehma tiegħu jidhirlu xierqa fiċ-ċirkostanzi.*

*(4) Il-qorti, wara li tkun semgħet lill-ġenituri u lit-tifel jekk dan ikun laħaq l-età ta' erbatax-il sena, għandha tagħmel dawk is-suġġerimenti li jidhrilha l-aħjar fl-interess tat-tifel u l-għaqda tal-familja. Jekk ikompli n-nuqqas ta' qbil bejn il-ġenituri, il-qorti għandha tawtorizza lill-ġenitur li fil-fehma tagħha jkun l-iktar xieraq li jħares l-interess tat-tifel fil-każ partikolari, li jiddeċiedi l-kwistjoni, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 149.*

*(5) Fil-każ ta' periklu imminenti jew preġudizzju serju għat-tifel kull wieħed mill-ġenituri jista' jieħu dawk il-miżuri li huma urġenti u li ma jistgħux jistennew.*

*(6) Dwar terzi persuni in bona fide, kull waħda mill-partijiet fiż-żwieġ għandha titqies li għemilha kien bil-kunsens tal-parti l-oħra meta teżerċita għemil dwar awtorità tal-ġenituri dwar il-persuna tat-tifel.*

*154. (1) Bla ħsara ta' kull piena oħra li għaliha jista' jkun suġġett skont il-liġi, il-ġenitur jista' jiġi mneħħi mill-qorti hawn fuq imsemmija, mill-jeddijiet kollha ta' setgħa tal-ġenituri, jew minn biċċa minnhom, f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:*

*(a) jekk il-ġenitur, billi jagħti kastig barra mill-qies jaħqar lit-tifel, jew jittraskura l-edukazzjoni tiegħu;*

*(b) jekk l-imġieb tal-ġenitur tista' tagħmel ħsara lit-trobbija tat-tifel;*

*(ċ) jekk il-ġenitur huwa interdett, jew inabilitat li jagħmel xi atti, kif jingħad fl-artikoli 520 sal-527 inklużivament tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u fl-artikoli 189 u 190;*

*(d) jekk il-ġenitur jamministra ħażin ħwejjeġ it-tifel;*

*(e) jekk il-ġenitur jonqos li jaqdi xi wieħed mill-obbligi msemmija fl-artikolu 3B favur it-tifel.*

Jiġi rilevat li l-Artikolu 3B li jagħmel referenza għalih l-Artikolu 154 hawn fuq ċitat jgħid hekk: *"(1) Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lill-ulied li jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied".* Il-Qorti tfakkar illi dawn l-obbligi m'għandhomx jipu applikati biss fir-rigward ta' ulied ta' ġenituri mizzewġin, izda ukoll versu dawk l-ulied li huma frott ta' ġenituri mhux magħqudin fiz-zwieġ. Fil-fatt il-liġi stess f'Artikolu 7 tal-Kodiċi Ċivili tistipula illi *"Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B",* u ċjoe' kull ġenitur, irrelevanti jekk hux mizzewġin *o meno.*

Rigward il-<u>manteniment</u>, jiġi ribadit illi l-prinċipju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-Artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jistipula: "*Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħduħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodiċi".* L-Artikolu 3B sub-inċiz 1 tal-istess Kodiċi jistipula illi: "*Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil ulied li jiġu miż-żwieġ skond il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied*".

Għalhekk abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri għandhom l-istess obbligi verso l-ulied tagħhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija tal-istess. Il-Qorti tfakkar illi l-manteniment ma huwiex marbut ma' xi impjieg jew introjtu partikolari izda huwa obbligu assolut. Għaldaqstant, kull ġenitur għandu jipprovdi sabiex jassigura li uliedu għandhom manteniment adegwat li ai termini tal-Artikolu 19 subinċiz 1 u 2 tal-Kodiċi Ċivili għandu jkopri l-ikel, ilbies, saħħa, abitazzjoni u spejjez reltati mal-istess saħħa u edukazzjoni. Ċertament li l-obbligi mnissla miż-żwieġ, isofru mutament fil-kors ta' separazzjoni bejn il-partijiet, anke fil-każijiet ta' *pendente lite*. B'hekk l-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' l-istess fi kwalsiasi sitwazzjoni tal-ħajja, liema obbligu jkun dettat skont il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 20 tal-istess Kodiċi Ċivili, u l-bżonnijiet tal-istess minuri.

Meta l-Qorti tiġi sabiex tistabbilixxi manteniment, ma hemmx xi formula stabbilita fil-liġi li biha l-Qorti tagħmel il-kalkoli biex imbagħad joħroġ ir-riżultat. Madanakollu Artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jservi mezz ta' gwida sabiex

jassisti lil Qorti tasal għal konkluzjonijiet tagħha f'dan ir-rigward. Dan l-artikolu jaqra hekk:

*"(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih.*

*(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort'oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.*

*(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.*

*(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.*

*(5) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċjarju taħt trust".*

Fir-rigward tas-setgħa tal-Qorti li tagħti ordnijiet minkejja dispożizzonijiet oħra, u dan ai termini tal-Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili, fejn huwa stipulat illi: *"B'dak kollu li jinsab f'kull dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi, il-qorti tista', jekk tiġi murija raġuni tajba, tagħti dawk l-ordnijiet dwar il-persuna jew il-proprjetà ta' persuna li tkun taħt l-età kif jidhrilha xieraq fl-aħjar interessi tat-tifel"*, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Edward Briffa pro et noe vs Georgina sive Georgia Seguna**, deċiża minn din il-Qorti iżda diversament preseduta, nhar il-25 ta' Jannar 2019, u tagħmel tagħha l-evalwazzjoni legali rigward id-diskrezzjoni assoluta tal-Qorti fil-kuntest tal-interessi supremi tal-minuri. F'din is-sentenza jiġi mgħallem illi:

*"Il-Qrati nostrana kellhom diversi okkażżjonijiet sabiex jikkunsidraw x'inhu għall-aħħar interess tal-minuri. Fost oħrajn wieħed isib il-kawża fl-ismijiet **Helen Mary Strout f'isimha proprju kif ukoll bħala kuratriċi ad litem ta' binha***

***minuri Warren Luke vs. Av. Dr. Simon Galea Testaferrata nominat bħala kuratur deputat sabiex jirrapreżenta l-assenti Paul Joseph Strout*** *deċiża mill-Prim'Awla fit-28 ta' Frar 2003 fejn ġie osservat li 'Jirrizulta li l-attrici minn mindu telaq zewgha iddedikat ruhha ghat-trobbija ta' binha u terfa' wehidha, bl-ghajnuna sussidjarja tal-genituri taghha, il-piz ta' din it-tarbija. Huwa ragjonevoli ghalhekk illi fuq l-awtoA` tal-gurisprudenza stabbilita in materja (Vol. II p 325; Vol. IV p 74; Vol. VIII p 557 fost ohrajn) partikolarment b'rigward "a cio' che e` piu` utile e vantaggioso all' interesse si morale che fisico" tat-tifel innifsu, il-kura u l-kustodja tieghu ghandha tkun affidata lill-omm.'*

*Huwa l-interess tal-minuri li huwa suprem u mhux dak tal-partijiet jew ta' terzi persuni li jkunu in retroxena. Il-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fid-deċiżjoni tagħha tal-25 ta' Novembru 1998 fl-ismijiet* **Sylvia Melfi vs. Philip Vassallo** *irreteniet li*

*In this case the Court must seek to do what is in the sole interest of the minor child in its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child [...] The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child.*

*Din il-Qorti tirreferi wkoll għal dak li qalet fid-deċiżjoni tagħha tat-12 t'April 2018 fl-ismijiet* ***RM vs NM*** *(Rik Ġur Nru 196/10RGM):*

*"In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet "**Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud"** deciza mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Marzu 2014 fejn il-Qorti enfasizzat li fejn jidhlu l-minuri huwa ta' applikazzjoni assoluta l-Artikolu 149 tal-Kap 16 li jaghti poter lill-Qorti taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri."*

*Fil-fehma tal-Qorti l-Artikolu 149 tal-Kap 16 jagħmilha ċara illi fejn jikkonċerna l-interess suprem tal-minuri idejn il-Qorti m'hiex imxekkla b'regoli stretti ta' proċedura. Hija għalhekk tal-ferma konvizzjoni illi fejn jidħlu d-drittijiet u l-interess suprem ta' minuri, il-Qrati tagħna għandhom diskrezzjoni wiesgħa ħafna u ma humiex imxekkla minn regoli ta' proċedura rigoruża. Addirittura l-Qorti tal-Familja għandha s-setgħa li tieħu kull provvediment fl-aħjar interess tal-minuri anke jekk ħadd mill-partijiet ma jkun għamel talba fir-rigward (ara* ***A sive BC vs D sive EC*** *deċiża minn din il-Qorti fit-30 ta' Ġunju 2015). (Ara wkoll* ***Joseph Micallef vs Lesya Micallef*** *deciza mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Dicembru 2018)".*

Ikkonfermat li l-ġenituri jridu jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom, il-Qorti għandha l-obbligu li tqis li kull ġenitur jikkontribwixxi skont il-mezzi rispettivi tiegħu u l-bzonnijiet tal-istess minuri.

*Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Każ Odjern:*

*a. Kura, Kustodja, Aċċess, Manteniment ta' F B:*

Il-Qorti tibda sabiex tissottolineja illi meta titpoġġa f'sitwazzjoni fejn għandha tikkunsidra talba għall-kura u kustodja esklussiva, jitnissel l-obbligu fuq il-Qorti illi tiddetermina l-ewwel u qabel kollox x'inhu fl-aħjar interess tal-minuri. Għaldaqstant f'dan l-istadju għal Qorti huwa rrelevanti dak li jixtiequ l-ġenituri, iżda dak li għandu jiġi determinat b'mod assolut huwa x'inhu bżonnjuż u ta' benefiċċju għal minuri in kwistjoni.

Fil-każ odjern il-Qorti tagħti ħarsa lejn dak li saħqet l-attriċi, hekk kif fl-affidavit tagħha tgħid illi *"It-tfal ma tantx ghandhom impressjoni tajba ta' missierhom hekk kif huma raw b'ghajnejhom dak kollu li kien jaghmel C. It-tfal jistghu jaraw illi dejjem jien hadt hsieb li jkunu fl-ahjar stat, tista' tghid irridhom ahjar minni bhal kull genitur illi jkollu l-ahjar interess ta' uliedu wara kollox. Ghalhekk, peress illi t-tifla z-zghira ghad ghandha biss l-eta ta' hmistax (15)-il sena, jien irrid li F tkun esklussivament taht il-kura u l-kustodja tieghi. Huma jafu x'inhu l-karattru ta' missierhom u jien minn naha tieghi qatt ma xewwixthom kontih. Sahansitra, C anqas kien ihalli lit-tfal kwieti sabiex ikunu jistghu jistudjaw peress illi kien ikun storbjuz u jiftah ir-radju kemm jiflah meta jigi xurban, li kien ta' sikwiet. It-tifla l-kbira ma tmur tajba xejn ma' missierha u nista' nghid li din ma*

*tridx taf bih wara li f'wiehed mill-argumenti li kellhom C ghajjar lit-tifla bil-marda li hija kellha Ghal grazzja t'Alla llum it-tifla tinsab tajba sintendi ghadhom isiru check-ups ta' kull xahar. Jien nixtieq li t-tifla minuri tkun taht il-kura u kustodja esklussiva tieghi u li jien niehu id-decizjonijiet kollha u nigi awtorizzata li niffirma d-dokumenti kollha wahdi pertinenti ghaliha inkluz applikazzjoni u hrug ta' passaport. Ghal dak li jirrigwarda l-manteniment jien nitlob manteniment ta' Eur 300 fix-xahar li jinkludi kollox ghaz-zghira sakemm ikollha tmintax-il sena jew 23 sena jekk tistudja u nitlob wkoll li ghandu ihallasni il-manteniment u l-ispejjez tal-ulied l-ohra minn kemm ilu li telaq lejn l-Ingilterra u cioe minn Lulju 2018 stante li qatt ma ghadda manteniment. Ser nipprezenta b'nota separata prospett ta' dak li jiena qed nitlob".*[45] Stabbilit dan, il-Qorti rat illi dak allegat mill-attriċi ġie konfermat permezz ta' provi suffiċjenti, u b'hekk il-Qorti ma għandha l-ebda dubju li kienet dejjem l-attriċi li ħadet ħsieb lill-minuri, u kompliet tagħmel dan b'mod esklussiv waħedha kemm qabel kif ukoll wara li l-konvenut għoġbu jitlaq lejn l-Ingilterra.

F'każ simili għal dan odjern, senjatament fis-sentenza fl-ismijiet **Carol Montebello vs Dr Helga Buttigieg et noe**,[46] il-Qorti rribadiet illi dan it-tip ta' aġir *"huwa wieħed li jirrispekkja disinteress u nuqqas ta' volonta' li wieħed jinvolvi ruħu b'mod adegwat fit-trobbija ta' uliedu stess. Għaldaqstant il-Qorti ma għandhiex lok sabiex tiddubita li l-minuri daħlu f'rutina ta' ħajja fejn il-missier ma huwiex prezenti. Il-Qorti bl-ebda mod ma tfaħħar, tiġġustifika jew taqbel ma' dan il-modus vivendi, anzi bil-wisq tikkundannah u tiddeplorah għaliex kull ġenitur għandu l-obbligu li jieħu ħsieb, jeduka, jmantni u jipproteġi lill-uliedu stess. Ma huwiex xi unur li wieħed jaħrab mir-responsabbiltajiet tiegħu u jfarfar l-obbligi tiegħu ta' ġenitur fuq il-ġenitur lieħor filwaqt li kappriċċozament jagħmel tabirruħu li m'għandux ulied u jgħix ħajja oħra".*

Fil-każ odjern, il-preżenza fiżika u l-interess tal-konvenut f'uliedu waqt li kien għadu Malta kienu minimi għall-aħħar, u magħdud ma' dan il-komunikazzjoni tiegħu ma' uliedu meta telaq lejn l-Ingilterra kienet minima ukoll – liema għaġir għal-Qorti ma huwiex wieħed desiderabbli wisq anqas aċċettabbli. Il-Qorti tistenna li l-konvenut kellu jkun preżenti fiżiament, emozzjonalment u finanzjarjament għal uliedu meta kien għadu Malta, speċjalment meta bintu l-kbira kienet marida bil-marda tal-kanċer, u issa li qiegħed jgħix barra minn Malta

[45] Fol. 34, 35.
[46] Deċiża minn din il-Qorti kif preseduta, nhar l-24 ta' Ġunju 2021, mhux appellata.

tippretendi li jimpjena ruħu sabiex ikun f'kuntatt telefoniku u kif ukoll fiżiku b'mod kontinwu u kostanti ma' uliedu. Għaldaqstant u sabiex jiġu salvagwardjati l-interessi tal-minuri, il-Qorti hija tal-fehma illi fiċ-ċirkostanzi jkun idoneju illi l-kura u kustodja tal-minuri tiġi fdata b'mod esklussiv f'idejn l-attriċi u dan anke billi l-minuri għandha tibqa' tirrisjedi mal-attriċi ġewwa Malta, f'dak il-fond li l-attriċi stess tistabbilixxi bħala r-residenza tagħha.

Magħdud mas-suespost, il-Qorti waslet għal konklużjoni illi: (i) il-minuri daħlet f'rutina ta' ħajja fejn il-missier ma huwiex preżenti, u (ii) fid-dawl tal-fatt li l-konvenut qabad u telaq minn Malta mingħajr ma kkunsidra l-interessi tal-minuri, hemm lok li jiġu applikati subinċiż (a), (b) u (e) tal-Artikolu 154 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. F'dan il-kuntest il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Luke Anthony Cauchi vs L-Avukat Benjamin Valenzia et noe**,[47] fejn f'sitwazzjoni fejn il-konvenuta kienet assenti u abbandunat lil minuri, il-Qorti saħqet illi *"mil-liġi wieħed jista' faċilment jiddeduċi illi ċ-ċaħda tal-awtoA' tal-ġenitur għandha titqies bħala l-eċċezzjoni għar-regola, u b'hekk sabiex talba ta' din in-natura tiġi akkolta jenħtieġ raġunijiet ferm gravi u serji. Fid-dawl tal-provi miġjuba fil-mori tal-kawza, il-Qorti hija tal-fehma li hemm lok li jiġi applikat l-Artikolu 154 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta kontra l-konvenuta stante li dak kontemplat fis-subinċiż (a) u (e) tal-istess Artikolu ġew pruvati sal-grad rikjest mil-liġi. Il-Qorti tirrileva li jkun inġust u ċertament mhux fl-interessi tal-minuri li l-konvenuta jibqa' jkollha xi forma ta' awtoA' fuq l-istess minuri, liema awtoA' se mai tista' tintuza fil-futur sabiex tieħu xi forma ta' vantaġġ fuq l-attur u fuq il-minuri, meta matul dawn l-aħħar snin kien biss l-istess attur li ħa ħsieb lill-minuri, mantnieha u edukaha fl-assenza tal-konvenuta".*

Fil-każ odjern ma saret l-ebda talba sabiex il-konvenut jiġi żvestit mis-setgħa tal-ġenitur fir-rigward tal-minuri F B, iżda sempliċiment li l-attriċi tieħu waħedha d-deċiżjonijiet kollha relatati mal-minuri. Madanakollu wara eżami tal-att l-Qorti tinsab moralment konvinta li bid-diskrezzjoni tagħha din għandha tgħaddi sabiex tqis illi l-konvenut ma jixraqlux jibqa' vestit bis-setgħa tal-ġenitur tal-minuri F B, u dan dejjem bl-intiża li jiġu salvagwardjati l-interessi supremi tal-minuri kkonċernata. Għalhekk u ġialadarba l-konvenut abbanduna lil bintu minuri u ħalla lill-attriċi tfendi waħedha biex tmantni u tgħajjex lill-istess minuri, is-setgħa tal-ġenitur għandha wkoll tkun vestita esklussivament fl-attriċi biss, b'dana illi l-konvenut jiġi żvestit mill-awtoA' ta' ġenitur ai termini tal-Artikolu 154 tal-

[47] Deċiża minn din il-Qorti kif preseduta, nhar is-7 ta' Jannar 2021, mhux appellata.

Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan konsegwentament ifisser illi l-attriċi hija awtorizzata tieħu waħedha u mingħajr l-ebda kunsens tal-konvenut, dawk id-deċiżjonijiet kollha li jirrigwardaw il-minuri, ta' natura ordinarja u kif ukoll dawk ta' natura iktar importanti li jinkludu iżda mhux limitati għall-kwistjonijiet ta' saħħa, edukazzjoni, reliġjon, attivitajiet extra-kurrikulari u safar. Magħdud ma' dan u fir-rigward tal-applikazzjoni għal ħruġ u tiġdid tal-passaport tal-minuri, dan għandu jsir mill-attriċi waħedha mingħajr ebda awtorizzazzjoni, kunsens u/jew firma tal-konvenut, fejn konsegwentament l-imsemmi passaport maħruġ fuq isem il-minuri għandu jinżamm fil-pussess tal-attriċi.

Fir-rigward tal-aċċess, il-Qorti tinnota li ma saret l-ebda referenza għalih. Nonostante dan, il-Qorti ser tgħaddi sabiex tipprovdi l-konsiderazzjonijiet tagħha xorta waħda u dan abbażi tal-Artikolu 149 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u kif ukoll għaliex *"Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx <u>dritt ghall-access</u>, izda <u>obbligu</u> tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri, li, ghal dan il-ghan, jehtigilha ikollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access, jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri. Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux vice versa. L-importanti hu l-istabbilita` emozzjonali tat-tifla, u li din ikollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli"* (sottolinejar tal-Qorti).[48]

Il-Qorti tirribadixxi illi minuri għandha d-dritt li tgawdi kemm lil ommha u kif ukoll lil missierha, u m'għandhiex tiġi mċaħda minnhom jekk mhux abbażi struzzjoni professjonali. Fil-fatt fis-sentenza fl-ismijiet **Romina Spagnol vs Thomas Spagnol**,[49] ingħad illi: *"Il-Qorti tfakkar illi d-dritt għall-aċċess huwa wieħed mid-drittijiet fundamentali tal-ġenituri, liema dritt jemanixxi mis-setgħa ta' ġenitur. Għaldaqstant id-dritt għall-aċċess għandu jitgawda mill-ġenitur u dan anke jekk il-kura u kustodja tiġi assenjata lil wieħed mill-ġenituri. L-unika eċċezzjoni fejn il-Qorti tkun kostretta li tordna n-nuqqas ta' aċċess huwa f'kaz li jkun hemm rakkomandazzjoni minn espert fil-qasam, jew minħabba fattispeċji partikolari tal-kaz li jkollha quddiemha l-Qorti fejn ikun jidher b'mod lampanti li ma jkunx fl-interess suprem tal-minuri li jinzamm tali aċċess. Il-Qorti tirribadixxi illi ma għandha l-ebda interess li tisfratta l-possibbilita' li ġenitur*

[48] *Vide* s-sentenza fl-ismijiet **Miriam Cauchi pro et noe vs. Frances Cauchi**, deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar it-3 ta' Ottubru 2008 (Appell Numru 2463/1999/1).
[49] Deċiża mill-Qorti tal-Familja, kif preseduta, nhar is-27 ta' Ottubru 2021 (Rikors Numru 202/2014AL), mhux appellata.

*jibni relazzjoni ma' uliedu, salv jekk ikun hemm raġunijiet validi u leġittimi, u dan f'ġieħ l-interess suprem tal-minuri".*

B'hekk, f'kawżi ta' din ix-xorta, il-Qorti tagħmel minn kollox sabiex ma tisfrattax il-possibilita' li ġenitur u iben jew bint, ikollhom relazzjoni. Fil-kawża odjerna, mill-atti ma huwiex magħruf kemm ilha l-minuri ma tara jew tikkomunika sew ma' missierha. Ma huwiex magħruf f'dan l-istadju jekk il-konvenut għadux jirrisjedi l-Ingilterra jew *se mai* f'pajjiż ieħor. Il-fatt li teżisti possibilita' li l-konvenut jinsab barra minn Malta, jagħmilha ferm diffiċli għall-minuri sabiex tarah b'mod fiżiku, imma fil-fehma tal-Qorti ma hemm xejn milli jimpedixxi lill-konvenut milli jikkomunika magħha eletronikament u jaraha virtwalment b'mod frekwenti u kostanti. Madanakollu, il-Qorti temmen illi *dato ma non concesso* li l-konvenut jirritorna lura Malta sabiex jirrisjedi hawnhekk b'mod permanenti, huwa għandu jagħmel talba appożita sabiex qabel ma jsir kwalunkwe aċċess, issir evalwazzjoni minn professjonisti fil-qasam jekk tali aċċess ikunx fl-interess tal-minuri li jibda jiġi eżerċitat. Għaldaqstant u tenut kont taċ-ċirkostanzi, il-Qorti hija tal-fehma illi f'dan l-istadju u *rebus sic stantibus,* tipprjobixxi illi jsir aċċess b'mod fiżiku bejn il-minuri u l-missier, madanakollu l-Qorti tara li l-minuri għandha tkun libera li jekk trid hi tikkomunika b'mod eletroniku ma' missierha u tarah b'mod virtwali, u dan tenut kont li fil-preżent il-minuri għandha ħmistax-il (15) sena.

Jingħad ukoll illi ġialadarba l-minuri ser tkompli tgħix ma' ommha, il-konvenut għandu jħallas manteniment mensili għal minuri. Fl-affidavit tagħha, l-attriċi tikkontendi illi żewġha għandu jħallas is-somma mensili ta' tlett mitt Ewro (€300), liema somma tinkludi l-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari.[50] Fis-sentenza fl-ismijiet **Anita K vs Kenneth M**,[51] ġie ritenut illi *"Is-somma minima mogħtija mill-Qorti fil-preżent hija dik ta' €200 kull xahar jew erba' ġimgħat. Barra minn hekk u flimkien mal-manteniment, il-Qorti tiddeċiedi ukoll dwar l-ispejjez reltati mas-saħħa u l-edukazzjoni tal-wild. F'kaz li ma jiġix ezebit prospett tal-ispejjez involuti u/jew meta l-introjtu ikun wieħed baziku, din il-Qorti normalment tagħti s-somma ta' €75 fix-xahar jew erba' (4) ġimgħat".*

[50] Fol. 34.
[51] Deċiża minn din il-Qorti, kif presjeduta, nhar il-15 ta' April 2021 (Rikors Ġuramentat Numru 262/2014 AL), mhux appellata.

Fid-dawl tas-suespost u fiċ-ċirkostanzi odjerni kif irriżultaw mill-atti in eżami, il-Qorti tordna lil konvenut, iħallas lil attriċi s-somma ta' mitejn, ħamsa u sebgħin Ewro (€275) kull xahar għal F B, liema somma tinkludi nofs l-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari. Dan il-manteniment jogħla kull sentejn skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u għandu jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga, introjtu jew benefiċċju soċjali li jista' jipperċepixxi minnu l-konvenut. Magħdud ma' dan, tali manteniment għandu jiġi depożitat direttament lil attriċi f'dak il-kont bankarju indikat minnha stess. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, il-konvenut huwa obbligat li jħallas manteniment għal F B sakemm il-minuri tagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-minuri tagħżel li tibqa' tistudja fuq bażi *full-time* wara li tilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri tagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemm l-istudji tagħha, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż *children allowance* għandu jkun perċepibbli mill-attriċi għan-nom tal-minuri. Jekk il-minuri tagħżel li tmur tgħix għal rasha u tkun għadha tistudja fuq bażi *full-time*, il-manteniment għandu jitħallas direttament lilha.

*b.* *<u>Manteniment ta' E B:</u>*

Fir-rikors promotur tagħha, l-attriċi talbet ukoll sabiex il-konvenut iħallas manteniment għal binha E B li huwa maġġorenni, iżda li skontha għadu jistudja fuq bażi *full-time*. Minkejja tali allegazzjoni, il-Qorti tara li l-attriċi ma resqet l-ebda prova sabiex tikkorrabora dak vantat minnha, u ċjoe' dokumenti li jistabbilixxu li binha għadu verament qed isegwi kors ta' studju fuq bażi *full-time*. Fin-nuqqas ta' tali prova, il-Qorti tinsab kostretta illi tiċħad tali talba.

c. *<u>Arretrati ta' Manteniment:</u>*

Fl-affidavit tagħha l-attriċi saħqet *"nitlob wkoll li ghandu ihallasni il-manteniment u l-ispejjez tal-ulied l-ohra minn kemm ilu li telaq lejn l-Ingilterra u cioe minn Lulju 2018 stante li qatt ma ghadda manteniment. Ser nippresenta b'nota separata prospett ta' dak li jiena qed nitlob"*.[52] F'dan ir-rigward, il-Qorti tissottolineja illi ai termini tal-Artikolu 3B subinċiż 1 tal-Kodiċi Ċivili ż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li *inter alia* jieħdu ħsieb u jmantnu lill-ulied

[52] Fol. 34, 35.

li jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied. Għalhekk tali obbligu jibqa' fis-seħħ nonostante jekk hemmx *in vigore o meno* digriet tal-Qorti għal ħlas ta' manteniment u nuqqas ta' digriet ma jfissirx illi l-ġenituri għandhom jonqosu milli jottemporaw rwieħhom mal-liġi. Stabbilit dan, il-Qorti trid tgħaddi biex tara jekk it-talba tal-attriċi kif magħmula fl-affidavit tagħha hijiex waħda ġusta, stante li l-istess ma ġietx imresqa fir-rikors promotur.

F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Linda Pulis vs Alfred Pulis**,[53] fejn il-Qorti tal-Appell spjegat illi t-talba oriġinali tal-mara kienet waħda għad-determinazzjoni tal-manteniment fis-sens ta' Artikolu 54 subartikolu 2 tal-Kodiċi Ċivili, iżda ingħad illi "*ghalkemm huwa veru li dawn id-disposizzjonijiet jirreferu primarjament ghad-determinazzjoni tal-manteniment ex nunc, meta fil-kors ta' kawza ta' separazzjoni issir il-prova ta' arretrati ta' manteniment, l-ewwel Qorti generalment tiehu in konsiderazzjoni dawn l-arretrati fil-komputazzjonijiet u kalkoli ghad-determinazzjoni ta' l-istess manteniment, u dan specjalment meta flok manteniment fi hlas rateali jigi ordnat il-hlas ta' somma globali, pagabbli f'daqqa jew fi skadenzi"*. B'hekk dan ifisser illi għalkemm wieħed ma jkunx għamel talba *ad hoc* għall-arretrati ta' manteniment, l-Ewwel Qorti xorta waħda tieħu in konsiderazzjoni ta' dikjarazzjoni ta' arretrati fid-deċizjoni tagħha, salv li ssirilha prova tal-imsemmija arretrati. Stabbilit il-premess, madanakollu jiġi mfakkar li f'tali kwistjonijiet *"l-Qorti trid timxi fuq il-provi u mhux fuq semplici asserzjonijiet anke jekk maghmula f'noti ta' sottomissjonijiet. Provi huma jew id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet, jew id-deposizzjonijiet taghhom maghmula quddiem il-Qorti jew quddiem Assistent Gudizzjarju jew perit gudizzjarju, jew dak li huma jghidu f'affidavit (salv dejjem il-kwistjoni tal-kredibbilita`)".*[54]

Fil-każ odjern il-Qorti tara li minkejja li l-attriċi ppromettiet illi ser tippreżenta prospett ta dak li qed tippretendi, hija naqset milli taghmel dan. Il-Qorti tfakkar illi *"l-grad ta' prova neċessarja f'kawża fejn si tratta talba għal manteniment minn għand dak il-ġenitur li ma jkunx preżenti sa mit-twelid tal-minuri, huwa tali fejn ikun biżżejjed għal dik il-parti li tagħmel it-talba għal ħlas ta' manteniment illi tippreżenta prospett li jindika approssimattiv tal-infiq ta' flus fuq il-minuri li għandu jkun ikkorraborat b'numru sostanzjali ta' rċevuti, liema rċevuti*

[53] Deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar is-16 ta' Frar 2007 (Appell Numru 176/2000/1).

[54] *Ibid.*

*għandhom jagħtu indikazzjoni tal-ħajja li dik il-parti tkun qiegħda tagħti lil uliedha, iżda l-Qorti ma tarax il-bżonn illi tali parti fil-kawża għandha tippreżenta kull irċevuta li tingħata kuljum, anke saħansitra għal kartuna ħalib!".*[55] Stabbilit il-premess, il-Qorti tara li għal tali perjodu l-attriċi ma ppreżentat l-ebda prospett jew irċevuti għal dak li nefqet, iżda sempliċiment qiegħda tippretendi illi *arbitrio boni viri* l-Qorti tasal għal ċifra li tirrappreżenta sehem il-konvenut minn Lulju 2018. Għalhekk, fid-dawl ta' nuqqas ta' prova ta' dak li nefqet l-attriċi, il-Qorti hija kostretta illi tichad tali talba hekk kif din hija biss sempliċi asserzjoni, fejn l-attriċi lanqas biss *se mai* ddikjarat taħt ġurament iċ-ċifra li qiegħda tippretendi.

## 6. It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Divizjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li Jifforma Parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali:

Il-Qorti tirrileva illi ġialadarba l-partijiet iżżewġu nhar il-5 ta' Frar 1999, din id-data għandha titqies bħala d-data li fiha ġiet stabbilita l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet.

[55] *Vide* s-sentenza fl-ismijiet **Ottile Micallef pro et noe vs. Jason Mifsud**, deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) kif presjeduta, nhar it-18 ta' Jannar 2022, mhux appellata.

*Terminazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti*

Bis-saħħa tal-preżenti sentenza, il-Qorti qiegħda tittermina l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet.

*Elenku ta' dak kollu li Jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti, il-Likwidazzjoni, id-Divizjoni u l-Assenjazzjoni tagħhom, u Elenku ta' dak kollu li huwa Parafernali tal-Partijiet u l-Assenjazzjonii tal-Istess*

Fir-rigward ta' proprjeta' u/jew dar matrimonjali, il-Qorti tinnota li ma ġiex ippruvat illi fiż-żwieġ saru transazzjonijiet ta' xiri jew bejgħ ta' proprjeta'. Fil-fatt id-dar li kienet tikostitwixxi d-dar matrimonjali, jingħad li tappartjeni lil familja tal-attriċi u għalhekk ma tiffurmax parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Għaldaqstant u għal kull buon fini, il-Qorti qiegħda tiddikjara li dan il-fond bl-indirizz ta' *"XX, Triq X, Ħal-Għaxaq"*, ma għadux iservi bħala d-dar matrimonjali tal-partijiet u b'hekk il-konvenut ma għandu l-ebda jedd fuq tali fond, tant li l-imsemmi indirizz ma għandux jibqa' imniżżel fuq il-karta tal-identita' tiegħu kif ukoll illi f'każ illi huwa jirritorna lura Malta huwa għandu jallontana ruħu mill-istess fond.

*Rigward il-kontjiet bankarji*, il-Qorti tara illi mix-xhieda ta' Johanna Bartolo in rappreżentanza ta' Bank of Valletta plc,[56] ġie ddikjarat li: (i) f'isem l-attriċi hemm tlett (3) kontijiet: (a) 11100234053 bħala *savings account*,[57] (b) 111002340066 bħala *savings account*,[58] u (c) 40017452795 bħala *savings account*,[59] u (ii) f'isem il-konvenut ma hemmx kontijet. Il-Qorti tordna li kull parti għandha żżomm dawk il-kontijiet bankari li intestati f'isimha u kif ukoll il-bilanċ miżmum fih;

*Elenku tal-Assi Parafernali tal-Partijiet u l-Assenjazzjoni tagħhom*

Fir-rigward ta' beni li ma jiffurmawx parti mill-komunjoni tal-akkwisti u kif ukoll assi dotali u parafernali, fil-kawża odjerna ma jirriżultax li hemm tali assi.

**DEĊIDE:**

[56] Fol. 47.
[57] Fol. 48, u mmarkat bħala JB1.
[58] Fol. 181, u mmarkat bħala JB2.
[59] Fol. 194, u mmarkat bħala JB3.

Għalhekk, għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, bi ħtija esklussiva tal-konvenut, filwaqt li tindika li n-numru progressiv ta' reġistrazzjoni tal-Att taż-Żwieġ tal-partijiet huwa 89/1999 u kif ukoll tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex jinnotifika lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku b'din is-sentenza ta' separazzjoni personali fi żmien tletin (30) jum mil-lum;

2. Tilqa' it-tieni talba u tordna li l-kura u kustodja tal-minuri tiġi fdata b'mod esklussiv f'idejn l-attriċi u dan anke billi l-minuri għandha tibqa' tirrisjedi mal-attriċi ġewwa Malta, f'dak il-fond li l-attriċi stess tistabbilixxi bħala r-residenza tagħha; tordna u dan ai termini tal-Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili illi l-konvenut jiġi żvestit mill-awtoA' ta' ġenitur ai termini tal-Artikolu 154 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, b'dana illi l-attriċi hija awtorizzata tieħu waħedha u mingħajr l-ebda kunsens tal-konvenut, dawk id-deċiżjonijiet kollha li jirrigwardaw il-minuri, ta' natura ordinarja u kif ukoll dawk ta' natura iktar importanti li jinkludu iżda mhux limitati għall-kwistjonijiet ta' saħħa, edukazzjoni, reliġjon, attivitajiet extra-kurrikulari, safar u passaport; tordna ukoll u dan ai termini tal-Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili, illi *rebus sic stantibus*, tipprjobixxi illi jsir aċċess b'mod fiżiku bejn il-minuri u l-missier, madanakollu l-Qorti tara li l-minuri għandha tkun libera li jekk trid hi tikkomunika b'mod eletroniku ma' missierha u tarah b'mod virtwali, u dan tenut kont li fil-preżent il-minuri għandha ħmistax-il (15) sena;

3. Tilqa' limitatament it-tielet talba u dan fir-rigward ta' F B u tordna lil konvenut iħallas lil attriċi s-somma ta' mitejn, ħamsa u sebgħin Ewro (€275) kull xahar għal F B, liema somma tinkludi nofs l-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari. Dan il-manteniment jogħla kull sentejn skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u għandu jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga, introjtu jew benefiċċju soċjali li jista' jipperċepixxi minnu l-konvenut. Magħdud ma' dan, tali manteniment għandu jiġi depożitat direttament lil attriċi f'dak il-kont bankarju indikat minnha stess. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, il-konvenut huwa obbligat li jħallas manteniment għal F B sakemm il-minuri tagħlaq l-eta` ta' tmintax

(18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-minuri tagħżel li tibqa' tistudja fuq bażi *full-time* wara li tilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri tagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemm l-istudji tagħha, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż *children allowance* għandu jkun perċepibbli mill-attriċi għan-nom tal-minuri. Jekk il-minuri tagħżel li tmur tgħix għal rasha u tkun għadha tistudja fuq bażi *full-time,* il-manteniment għandu jitħallas direttament lilha; il-Qorti tiċħad it-tielet talba għal ħlas ta' manteniment lil E B;

4. Tiċħad *rebus sic stantibus* ir-raba' talba għal ħlas ta' manteniment lill-attriċi, b'dana illi l-istess attriċi mhux qiegħda b'xi mod titlef il-jedd tagħha li fil-futur titlob manteniment minn għand l-konvenut u dan f'każ ta' tibdil fiċ-ċirkostanzi li jikkonstrinġu lill-attriċi titlob lill-żewġha għajnuna finanzjarja permezz ta' manteniment;

5. Tilqa' l-ħames talba li l-manteniment kif likwidat permezz ta' din is-sentenza għandu jitħallas billi jitnaqqas direttament mis-salarju jew qliegħ tal-konvenut, jew mill-impjieg jew xogħol li għandu jew jista' jkollu, jew minn kwalsiasi benefiċċji soċjali li huwa jista' jkun qed jirċievi minn żmien għal żmien;

6. Tilqa' is-sitt talba u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti tal-partijiet, filwaqt li tillikwida, tiddividi u tassenja l-istess komunjoni skont il-provvediment tas-sitt (6) parti ta' din is-sentenza u ċjoe' *'It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Divizjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li Jifforma Parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali'* u tiddikjara li l-konvenut huwa misjub ħati għat-tifrik taż-żwieġ sa mill-15 ta' April 2016 u ċjoe' meta nħarġet il-*probabtion* u *treatment order* għal perjodu ta' tlet (3) snin; iżda tastjeni milli tinnomina nutar u kuratur għax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti;

7. Tilqa' is-seba', it-tmien u d-disa' talba u tiddikjara li l-fond bl-indirizz *"XX, Triq X, Ħal-Għaxaq"* m'għandux jitqies iktar bħala d-dar matrimonjali tal-konjuġi B, filwaqt li tordna li l-imsemmi indirizz ma għandux jibqa' imniżżel fuq il-karta tal-identita' tal-konvenut kif ukoll illi f'każ illi huwa jirritorna lura Malta huwa għandu jallontana ruħu mill-istess fond, b'dana ili jekk dan ma jsirx volontarjament, l-attriċi għandha d-dritt li titlob l-għajnuna tal-uffiċċjali in kwistjoni;

8. Tiċħad l-għaxar u l-ħdax-il talba rigward ġid ieħor mhux formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti, kif ukoll il-beni parafernali u dotali;

9. Tilqa' it-tnax-il talba attriċi, u tapplika fil-konfront tal-konvenut is-sanzjonijiet kollha kkontemplati f'Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili u tipprosegwi billi tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jiret lill-attriċi;

10. Tiċħad it-tlettax-il talba.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenut, b'dan li l-attriċi għandha provviżorjament tħallas id-drittijiet tal-Kuraturi Deputati.